

EBA/GL/2016/07

---

18/01/2017

---

## Linji Gwida

---

dwar l-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

---

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010<sup>1</sup>. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 20.03.2017. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jittqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil [compliance@eba.europa.eu](mailto:compliance@eba.europa.eu) bir-referenza 'EBA/GL/2016/07'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

## 2. Is-suġġett, il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet

---

### Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw ir-rekwiżiti dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar id-definizzjoni ta' inadempjenza, skont il-mandat mogħti lill-EBA fl-Artikolu 178(7) ta' dak ir-Regolament.

### Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward ta' dawn it-tnejn li ġejjin:
  - (a) L-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni (Approċċ IRB) skont il-Parti Tlieta, Titolu II, Kapitolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
  - (b) L-Approċċ Standardizzat għar-riskju ta' kreditu bis-saħħa tar-referenza għall-Artikolu 178 fl-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
7. L-istituzzjonijiet li jkunu rċevew permess biex jużaw l-Approċċ IRB għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dawn il-linji gwida għall-approċċ IRB għall-iskoperturi kollha. Meta daww l-istituzzjonijiet ikunu rċevew permess minn qabel biex jużaw b'mod permanenti l-Approċċ Standardizzat skont l-Artikolu 150 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jew permess biex jimplimentaw l-approċċ IRB sekwenzjalment skont l-Artikolu 148 ta' dak ir-Regolament, jistgħu japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dawn il-linji gwida għall-Approċċ Standardizzat għall-iskoperturi rilevanti taħt użu parzjali permanenti tal-Approċċ Standardizzat jew daww inklużi fil-pjan ta' implimentazzjoni sekwenzjali.

### L-indirizzati

8. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif definiti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1093/2010.

### Definizzjonijiet

9. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fid-Direttiva (UE) 36/2013 għandhom l-istess tifsira f'dawn il-linji gwida.

## 3. Implimentazzjoni

---

### Data tal-applikazzjoni

10. Dawn il-linji gwida japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021, u għalhekk l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu r-rekwiżiti ta' dawn il-linji gwida fil-proċeduri interni u fis-sistemi tal-IT tagħhom sa dak iż-żmien, iżda l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaċċelleraw l-iskeda taż-żmien ta' din it-tranżizzjoni skont id-diskrezzjoni tagħhom.

### L-ewwel applikazzjoni tal-Linji Gwida mill-istituzzjonijiet IRB

11. Sabiex jiġu applikati dawn il-linji gwida għall-ewwel darba, l-istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ IRB għandhom jivvalutaw u jimmodifikaw kif xieraq, fejn ikun meħtieġ, is-sistemi ta' klassifikazzjoni tagħhom, sabiex l-istimi tal-parametri tar-riskju jirriflettu d-definizzjoni l-ġdida ta' inadempjenza skont dawn il-linji gwida billi jiġu applikati dawn li ġejjin:
  - (a) fejn ikun possibbli, jimmodifikaw id-data storika bbażata fuq id-definizzjoni l-ġdida ta' inadempjenza skont dawn il-linji gwida, inkluż b'mod partikolari bħala riżultat tal-livell limitu ta' materjalità għal obbligi ta' kreditu skaduti msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 178(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
  - (b) jivvalutaw il-materjalità tal-impatt fuq il-parametri kollha tar-riskju u r-rekwiżiti ta' fondi proprji tad-definizzjoni l-ġdida ta' inadempjenza skont dawn il-linji gwida u permezz ta' paragun mad-definizzjoni preċedenti, fejn ikun applikabbli, wara l-modifiki rilevanti fid-data storika;
  - (c) jinkludu marġni addizzjonali ta' konservatiżmu fis-sistemi ta' klassifikazzjoni tagħhom sabiex jitqiesu d-distorsjonijiet possibbli tal-istimi tar-riskju li jirriżultaw mid-definizzjoni inkonsistenti ta' inadempjenza fid-data storika użata għall-iskopijiet tal-immudellar.
12. Il-bidliet imsemmija fil-paragrafu 11, li huma applikati għas-sistemi ta' klassifikazzjoni bħala riżultat tal-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida, huma meħtieġa li jiġu vverifikati mill-funzjoni tal-validazzjoni interna u li jiġu kklassifikati skont ir-Regolament Delegat (UE) Nru 529/2014, u, skont din il-klassifikazzjoni, huma meħtieġa li jiġu nnotifikati jew approvati mill-awtorità kompetenti rilevanti.
13. L-istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ IRB, u li jeħtieġu jiksbu permess minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 143 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 529/2014<sup>2</sup>, sabiex jinkorporaw dawn il-linji

---

<sup>2</sup> ĠU L 148, 20.5.2014, p. 36.

gwida sal-iskadenza msemija fil-paragrafu 10, għandhom jiftiehem mal-awtoritajiet kompetenti tagħhom dwar l-iskadenza finali għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-bidliet fid-definizzjoni ta' inadempjenza.

14. Wara li l-istituzzjonijiet IRB bdew jiġbru d-data skont id-definizzjoni l-ġdida ta' inadempjenza kif previst f'dawn il-linji gwida, matul ir-reviżjoni regolari tal-istimi tar-riskju msemija fl-Artikolu 179(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dawk l-istituzzjonijiet għandhom jestendu jew, fejn ikun iġġustifikat, imexxu t-tieqa tad-data storika użata għall-kwantifikazzjoni tar-riskju, sabiex tiġi inklużi data ġdida. Sakemm jintlaħaq perjodu ta' żmien adegwat b'definizzjoni omoġenja ta' inadempjenza, dawk l-istituzzjonijiet IRB, matul ir-reviżjonijiet regolari tagħhom tal-istimi tal-parametri tar-riskju, għandhom jivvalutaw l-adekwatezza tal-livell tal-marġini tal-konservattiżmu msemmi f'punt (b) tal-paragrafu 11.

## Tħassir

15. It-Taqsimiet 3.3.2.1. u 3.4.4. tal-Linji Gwida tas-CEBS dwar l-implimentazzjoni, il-validazzjoni u l-valutazzjoni tal-Approċċ ta' Kejl Avvanzat (AMA) u tal-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni (IRB) (GL10) ippubblikati fl-4 ta' April 2006 huma mħassra b'effett mill-1 ta' January 2021.

# 4. Il-kriterju skadut fl-identifikazzjoni ta' inadempjenza

---

## L-għadd ta' jiem li għaddew

16. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-punt (b) tal-Artikolu 178(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fejn kull ammont tal-kapital, tal-imgħax jew tat-tariffa ma ġiex imħallas fid-data li l-ammont kien dovut, l-istituzzjonijiet għandhom jirrikonoxxu dan bħala l-obbligu ta' kreditu skadut. Meta jkun hemm modifiki tal-iskeda tal-obbligi ta' kreditu kif imsemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 178(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-politiki tal-istituzzjoni għandhom jikkjarifikaw li l-għadd ta' jiem li jkunu għaddew għandu jkun ibbażat fuq l-iskeda modifikata tal-ħlasijiet.
17. Meta l-arranġament ta' kreditu jippermetti b'mod espliċitu lid-debitur biex ibiddel l-iskeda, jissospendi jew jipposponi l-ħlasijiet taħt ċerti kondizzjonijiet u d-debitur jaġixxi skont id-drittijiet mogħtija fil-kuntratt, il-ħlasijiet parzjali mibdula, sospiżi jew posposti ma għandhomx jitqiesu skaduti, iżda l-għadd tal-jiem skaduti għandu jkun ibbażat fuq l-iskeda l-ġdida ladarba din tiġi speċifikata. Madankollu, jekk id-debitur ibiddel l-iskeda, jissospendi jew jipposponi l-ħlasijiet, l-istituzzjonijiet għandhom janalizzaw ir-raġunijiet għal tali bidla u għandhom jivvalutaw l-indikazzjonijiet possibbli tal-improbabbiltà tal-ħlas, skont l-Artikoli 178(1) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u t-Taqsima 5 ta' dawn il-linji gwida.

18. Meta l-ħlas lura tal-obbligu jiġi sospiż minħabba liġi li tippermetti din l-għażla jew restrizzjonijiet legali oħrajn, l-għadd tal-jiem skaduti għandu jiġi sospiż ukoll matul dak il-perjodu. Madankollu, f'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-istituzzjonijiet għandhom janalizzaw, fejn ikun possibbli, ir-raġunijiet għat-twettiq ta' din l-għażla għal tali sospensjoni u għandhom jivvalutaw l-indikazzjonijiet possibbli tal-improbabbiltà tal-ħlas, skont l-Artikoli 178(1) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u t-Taqsima 5 ta' dawn il-linji gwida.
19. Meta l-ħlas lura tal-obbligu jkun is-suġġett ta' tilwima bejn id-debitur u l-istituzzjoni, l-għadd tal-jiem skaduti jista' jiġi sospiż sakemm it-tilwima tiġi solvuta, fejn tal-inqas tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) it-tilwima bejn id-debitur u l-istituzzjoni dwar l-eżistenza jew l-ammont tal-obbligu ta' kreditu ġiet introdotta fil-qorti jew proċedura formali oħra mwettqa minn korp estern iddedikat li tirriżulta f'deċiżjoni vinkolanti skont il-qafas legali applikabbli fil-ġurisdizzjoni rilevanti;
  - (b) fil-każ speċifiku ta' lokazzjoni, ġie indirizzat ilment formali lill-istituzzjoni dwar l-oġġett tal-kuntratt u l-mertu tal-ilment ġie kkonfermat mill-awditjar intern indipendenti, validazzjoni interna jew unità oħra tal-awditjar indipendenti komparabbli.
20. Meta d-debitur jinbidel minħabba avveniment bħal fużjoni jew akkwist tad-debitur jew kwalunkwe tranżazzjoni oħra simili, l-għadd tal-jiem skaduti għandu jibda mill-mument li fih persuna jew entità differenti ssir obligata li tħallas l-obbligu. L-għadd tal-jiem skaduti huwa, minflok, mhux affettwat minn bidla fl-isem id-debitur.
21. Il-kalkolu tat-total tal-ammonti kollha skaduti li huma relatati ma' kwalunkwe obbligu ta' kreditu tad-debitur lill-istituzzjoni, impriża omm jew kwalunkwe sussidjarja tagħha għal dan id-debitur u li l-istituzzjonijiet huma meħtieġa li jikkalkulaw għall-iskop ta' paragun mal-livell limitu ta' materjalità stabbilit mill-awtorità kompetenti skont il-punt (d) tal-Artikolu 178(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għandu jitwettaq bi frekwenza li tippermetti identifikazzjoni fil-ħin ta' inadempjenza. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-jiem skaduti u l-inadempjenza hija aġġornata kull meta tintuża għat-teħid tad-deċiżjonijiet, għall-immaniġġjar tar-riskju intern, għar-rappurtar intern jew estern u għall-proċessi tal-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji. Meta l-istituzzjonijiet jikkalkulaw il-jiem skaduti inqas ta' spiss minn kuljum, huma għandhom jiżguraw li d-data ta' inadempjenza tkun identifikata bħala d-data meta l-kriterju skadut ikun ġie attwalment sodisfatt.
22. Il-klassifikazzjoni tad-debitur għal status ta' inadempjenza, ma għandhiex tkun soġġetta għal ġudizzju espert addizzjonali; ladarba d-debitur jissodisfa l-kriterju skadut, l-iskoperturi kollha għal dak id-debitur jitqiesu inadempjenti, diment li tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) l-iskoperturi huma eliġibbli bħala skoperturi fil-livell tal-konsumatur u l-istituzzjoni tapplika d-definizzjoni ta' inadempjenza fil-livell ta' faċilità ta' kreditu individwali;

- (b) 'l hekk imsejħa "sitwazzjoni teknika skaduta" titqies li tkun seħħet, skont il-paragrafu 23.

## Sitwazzjoni teknika skaduta

23. Sitwazzjoni teknika skaduta għandha titqies biss li tkun seħħet f'xi waħda mill-każijiet li ġejjin:

- (a) meta istituzzjoni tidentifika li l-istatus ta' inadempjenza kien riżultat ta' żball fid-data jew fis-sistema tal-istituzzjoni, inkluż żbalji manwali ta' proċessi standardizzati iżda li jeskludu deċiżjonijiet ħżiena ta' kreditu;
- (b) meta istituzzjoni tidentifika li l-istatus inadempjenti kien riżultat tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni, eżekuzzjoni difettuża jew li saret tard tat-tranżazzjoni ta' ħlas ordnata mid-debitur jew meta jkun hemm evidenza li l-ħlas ma sarx minħabba l-falliment tas-sistema tal-ħlas;
- (c) meta minħabba n-natura tat-tranżazzjoni hemm intervall ta' żmien bejn l-irċevuta tal-ħlas minn istituzzjoni u l-allokkazzjoni ta' dak il-ħlas fil-kont rilevanti, sabiex b'hekk il-ħlas ikun sar qabel id-90 jum u l-ikkreditar fil-kont tal-klijent ikun sar wara d-90 jum skaduti;
- (d) fil-każ speċifiku tal-fatturar tal-arranġamenti fejn ir-reċivibbli mixtrija huma rreġistrati fuq il-karta bilanċjali tal-istituzzjoni u l-livell limitu ta' materjalità stabbilit mill-awtorità kompetenti skont punt (d) tal-Artikolu 178(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 inkiser, iżda li l-ebda riċevibbli għad-debitur ma skada għal aktar minn 30 jum.

24. Sitwazzjonijiet tekniċi skaduti ma għandhomx jitqiesu bħala inadempjenzi skont l-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. L-iżbalji kollha identifikati li wasslu għal sitwazzjoni teknika skaduta għandhom jiġu rettifikati minn istituzzjonijiet fl-iqsar żmien possibbli.

Fil-każ ta' istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ IRB, sitwazzjonijiet tekniċi skaduti għandhom jitneħħew mis-sett tad-data ta' referenza ta' skoperturi inadempjenti għall-iskop tal-istima tal-parametri tar-riskju.

## Skoperturi għall-gvernijiet ċentrali, l-awtoritajiet lokali u l-entitajiet tas-settur pubbliku

25. L-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw trattament speċifiku fir-rigward ta' skoperturi għall-gvernijiet ċentrali, l-awtoritajiet lokali u l-entitajiet tas-settur pubbliku, fejn il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu sodisfatti:

- (a) il-kuntratt huwa relatat mal-provvista ta' oġġetti jew servizzi, fejn il-proċeduri amministrattivi jeħtieġu ċerti kontrolli relatati mal-eżekuzzjoni tal-kuntratt qabel ma

jkun jista' jsir il-ħlas; dan japplika b'mod partikolari għal fatturar ta' skoperturi jew ta' tipi simili ta' arranġamenti iżda ma japplikax għal strumenti bħall-bonds;

(b) apparti mid-dewmien fil-ħlas, l-ebda indikazzjoni oħra tal-improbabbiltà tal-ħlas kif speċifikat skont l-Artikolu 178(1)(a) u 178(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u dawn il-linji gwida ma tapplika, is-sitwazzjoni finanzjarja tad-debitur hija soda u ma hemm l-ebda tħassib raġonevoli li l-obbligu jista' ma jitħallasx bis-sħiħ, inkluż kwalunkwe imgħax skadut fejn ikun rilevanti;

(c) l-obbligu mhuwiex skadut aktar minn 180 jum.

26. L-istituzzjonijiet li jiddeċiedu li japplikaw it-trattament speċifiku msemmi f'paragrafu 25, għandhom japplikaw dawn kollha li ġejjin:

(a) dawn l-iskoperturi ma għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu tal-livell limitu ta' materjalità għal skoperturi oħrajn għal dan id-debitur;

(b) dawn ma għandhomx jitqiesu inadempjenti fis-sens tal-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) dawn għandhom ikunu ddokumentati b'mod ċar bħala skoperturi soġġetti għat-trattament speċifiku.

## Dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli għal riċevibbli ta' fatturar u dawk mixtrija

27. Fejn ikun hemm arranġamenti ta' fatturar li permezz tagħhom ir-riċevibbli ċeduti ma jiġux rikonoxxuti fuq il-karta bilanċjali tal-fattur u l-fattur huwa responsabbli b'mod dirett għall-klijent sa ċertu perċentwal miftiehem, l-għadd tal-jiem skaduti għandu jibda minn meta l-kont tal-fatturar huwa f'debitu, jiġifieri minn meta l-avvanzi mħallsa għar-riċevibbli jeċċedu l-perċentwal miftiehem bejn il-fattur u l-klijent. Għall-iskop tad-determinazzjoni tal-oġġetti tal-klijent ta' fattur li huma skaduti, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dawn it-tnejn li ġejjin:

(a) il-paragun tat-total tal-ammont tal-kont tal-fatturar li huwa f'debitu u l-obbligi l-oħrajn kollha skaduti tal-klijent irreġistrati fil-karta bilanċjali tal-fattur, skont il-komponent assolut tal-livell limitu tal-materjalità stabbilit mill-awtorità kompetenti skont il-punt (d) tal-Artikolu 178(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(b) il-paragun tar-relazzjoni bejn it-total deskritt fil-punt (a) u l-ammont totali tal-valur kurrenti tal-kont tal-fatturar, jiġifieri l-valur tal-avvanzi mħallsa għar-riċevibbli u l-iskoperturi l-oħrajn kollha li jidhru fuq il-karta bilanċjali relatati mal-obbligi tal-kreditu tal-klijent, skont il-komponent relattiv tal-livell limitu ta' materjalità stabbilit mill-awtorità kompetenti skont il-punt (d) tal-Artikolu 178(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.



28. Fejn hemm arranġamenti ta' fatturar, fejn ir-riċevibbli mixtrija huma rikonoxxuti fuq il-karta bilanċjali tal-fattur u l-fattur għandu skoperturi għad-debituri tal-klijent, l-għadd tal-jiem skaduti għandu jibda minn meta l-ħlas għal riċevibbli partikolari jsir dovut. F'din is-sitwazzjoni, għal istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ IRB, minħabba l-fatt li r-riċevibbli ċeduti huma riċevibbli mixtrija, fejn dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 154 (5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew fil-każ ta' riċevibbli korporattivi mixtrija, ir-rekwiżiti tal-Artikolu 153 (6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, id-definizzjoni ta' inadempjenza tista' tiġi applikata għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur skont it-Taqsima 9 ta' dawn il-linji gwida.
29. Fejn l-istituzzjoni tirrikonoxxi avvenimenti relatati mar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli mixtrija kif definit f'punt (53) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dawn l-avvenimenti ma għandhomx jitqiesu bħala dawk li jwasslu għall-inadempjenza tad-debitur. Fejn l-ammont tar-riċevibbli tnaqqas bħala riżultat ta' avvenimenti relatati ma' riskju ta' dilwizzjoni bħal skontijiet, tnaqqis, nettjar jew noti ta' kreditu maħruġa mill-bejjieġh, l-ammont imnaqqas tar-riċevibbli għandu jiġi inkluż fil-kalkolu tal-jiem skaduti. Fejn ikun hemm tilwima bejn id-debitur u l-bejjieġh u fejn tali avveniment jiġi rikonoxxut bħala wieħed relatat mar-riskju ta' dilwizzjoni, l-għadd tal-jiem skaduti għandu jiġi sospiż sakemm it-tilwima tiġi solvuta.
30. L-avvenimenti rikonoxxuti bħala relatati ma' riskju ta' dilwizzjoni u għalhekk esklużi mill-identifikazzjoni ta' inadempjenza, għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji jew tal-kapital intern għar-riskju ta' dilwizzjoni. Meta l-istituzzjonijiet jirrikonoxxu numru sinifikanti ta' avvenimenti relatati mar-riskju ta' dilwizzjoni, dawn għandhom janalizzaw u jiddokumentaw ir-raġunijiet għal tali avvenimenti u jivvalutaw l-indikazzjonijiet possibbli tal-improbabbiltà tal-ħlas, skont l-Artikoli 178(1) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u t-Taqsima 5 ta' dawn il-linji gwida.
31. Meta d-debitur ma jkunx ġie infurmat b'mod adegwat dwar iċ-ċessjoni tar-riċevibbli mill-klijent tal-fattur u l-istituzzjoni għandha evidenza li l-ħlas għar-riċevibbli sar lill-klijent, l-istituzzjoni ma għandhiex tqis ir-riċevibbli bħala skadut. Fejn id-debitur ikun ġie infurmat b'mod adegwat dwar iċ-ċessjoni tar-riċevibbli, iżda madankollu għamel il-ħlas lill-klijent, l-istituzzjoni għandha tkompli tgħodd il-jiem skaduti skont il-kundizzjonijiet tar-riċevibbli.
32. Fil-każ speċifiku ta' arranġamenti tal-fatturar mhux żvelati, fejn id-debituri mhumiex infurmati dwar iċ-ċessjoni tar-riċevibbli iżda r-riċevibbli mixtrija huma rikonoxxuti fuq il-karta bilanċjali tal-fattur, l-għadd tal-jiem skaduti għandu jibda mill-mument miftiehem mal-klijent meta l-ħlas jiet li saru mid-debituri għandhom jiġu trasferiti mill-klijent lill-fattur.

## L-istabbiliment tal-livell limitu ta' materjalità

33. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA bil-livelli tal-livelli limitu ta' materjalità li huma jistabbilixxu fil-ġurisdizzjoni rispettiva tagħhom skont il-punt (d) tal-Artikolu 178(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Wara d-dħul fis-seħħ tal-istandards tekniċi regolatorji żviluppati skont l-Artikolu 178(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, meta l-

awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu l-komponent relattiv tal-livell limitu ta' materjalità f'livell differenti mill-1% imsemmi f'dawk l-istandards tekniċi regolatorji, huma għandhom jipprovdu l-ġustifikazzjoni għal dan il-livell differenti tal-livell limitu lill-EBA.

34. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-livell limitu ta' materjalità għall-obbligi ta' kreditu skaduti stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom kif imsemmi f'punt (d) tal-Artikolu 178(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. L-istituzzjonijiet jistgħu jidentifikaw inadempjenzi abbażi ta' livell limitu aktar baxx jekk huma jistgħu juru li dan il-livell limitu aktar baxx huwa indikazzjoni rilevanti ta' improbabiltà tal-ħlas u ma jwassalx għal numru eċċessiv ta' inadempjenzi li jirritornaw għal status mhux inadempjenti ftit wara li jiġu rikonnoxxuti bħala inadempjenti jew ikun hemm tnaqqis tar-rekwiżiti tal-kapital. F'dan il-każ, l-istituzzjonijiet għandhom jirreġistraw fil-bażijiet tad-data tagħhom, l-informazzjoni dwar l-iskattament tal-inadempjenza bħala indikazzjoni speċifikata addizzjonali tal-improbabbiltà tal-ħlas.

## 5. L-indikazzjonijiet tal-improbabbiltà tal-ħlas

---

### Status mhux dovut

35. Għall-finijiet tal-improbabbiltà tal-ħlas kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 178(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu li debitur mhuwiex probabbli li jħallas fejn l-imgħax relatat mal-obbligu ta' kreditu ma jibqax rikonnoxxut fid-dikjarazzjoni tad-dħul tal-istituzzjoni minħabba t-tnaqqis fil-kwalità tal-kreditu tal-obbligu.

### L-aġġustamenti speċifiċi tar-riskju tal-kreditu (SCRA)

36. Għall-finijiet tal-improbabbiltà tal-ħlas kif imsemmi f'punt (b) tal-Artikolu 178(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dawn l-aġġustamenti kollha speċifiċi tar-riskju tal-kreditu li ġejjin (SCRA) għandhom jitqiesu li huma riżultat ta' tnaqqis sinifikanti pperċeput fil-kwalità tal-kreditu ta' obbligu ta' kreditu u b'hekk għandhom jiġu trattati bħala indikazzjoni tal-improbabbiltà tal-ħlas:

- (a) telf rikonnoxxut fil-kont tal-profitt jew telf għal strumenti mkejla bil-valur ġust li jirrappreżentaw indeboliment ta' riskju ta' kreditu skont il-qafas tal-kontabilità applikabbli;
- (b) telf bħala riżultat ta' avvenimenti attwali jew passati li jaffettwaw skopertura individwali sinifikanti jew skoperturi li mhumiex sinifikanti b'mod individwali li huma vvalutati b'mod individwali jew b'mod kollettiv.

37. L-SCRA li jkopru t-telf li għalih l-esperjenza storika, aġġustata fuq il-bażi tad-data osservabbli attwalment, jindikaw li t-telf seħħ iżda l-istituzzjoni għadha ma tafx liema skopertura individwali sofriet dan it-telf (“telf imġarrab iżda mhux rappurtat”), ma għandhomx jitqiesu bħala indikazzjoni ta’ improbabbiltà tal-ħlas ta’ debitur speċifiku.
38. Meta l-istituzzjoni tittratta skopertura bħala indebolita, tali sitwazzjoni għandha titqies indikazzjoni addizzjonali tal-improbabbiltà tal-ħlas u għalhekk id-debitur għandu jitqies inadempjenti, irrISPettivament minn jekk ikunx hemm xi SCRA assenjat għal din l-iskopertura. Meta skont il-qafas tal-kontabilità applikabbli fil-każ li skoperturi ta’ telf imġarrab iżda mhux rappurtat huma rikonoxxuti bħala indeboliti, dawn is-sitwazzjonijiet ma għandhomx jiġu ttrattati bħala indikazzjoni ta’ improbabbiltà tal-ħlas.
39. Meta s-sitwazzjoni tittratta skopertura bħala kreditu indebolit skont l-IFRS 9, jiġifieri tiġi assenjata għal Stadju 3 kif definit fl-IFRS 9 Strumenti Finanzjarji, ippubblikati mill-IASB f’Lulju 2014, tali skopertura għandha titqies inadempjenti, ħlief meta l-iskopertura tkun tqieset bħala kreditu indebolit minħabba d-dewmien fil-ħlas u meta waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin jew it-tnejn li huma jkunu ġew issodisfati:
- (a) l-awtoritajiet kompetenti ssostitwixxew id-90 jum skaduti b’180 jum skaduti skont il-punt (b) tal-Artikolu 178(1) tar-Regolament UE (Nru) 575/2013 u dan il-perjodu itwal ma jintużax għall-iskop tar-rikonoxximent tal-indeboliment tal-kreditu;
  - (b) il-livell limitu ta’ materjalità msemmi fl-Artikolu 178(2)(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ma nkisirx;
  - (c) l-iskopertura ġiet rikonoxxuta bħala sitwazzjoni teknika skaduta skont il-paragrafu 23;
  - (d) l-iskopertura tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 25.
40. Meta l-istituzzjoni tuża kemm l-IFRS 9, kif ukoll qafas ieħor tal-kontabilità, din għandha tagħżel jekk tikklassifikax l-iskoperturi bħala inadempjenti skont il-paragrafi 36 sa 38 jew skont il-paragrafu 39. Ladarba ssir din l-għażla, din għandha tiġi applikata b’mod konsistenti maż-żmien.

## Il-bejgħ tal-obbligu ta' kreditu

41. Għall-finijiet tal-improbabbiltà tal-ħlas kif imsemmi f’punt (c) tal-Artikolu 178(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu kemm il-karattru, kif ukoll il-materjalità tat-telf relatat mal-bejgħ tal-obbligi ta’ kreditu, skont il-paragrafi li ġejjin. Tranżazzjonijiet ta’ titolizzazzjoni tradizzjonali bi trasferiment sinifikanti ta’ riskju u kwalunkwe bejgħ intragrupp ta’ obbligi ta’ kreditu għandhom jitqiesu bejgħ tal-obbligi ta’ kreditu.
42. L-istituzzjonijiet għandhom janalizzaw ir-raġunijiet għall-bejgħ tal-obbligi ta’ kreditu u r-raġunijiet għal kwalunkwe telf rikonoxxut b’hekk. Meta r-raġunijiet għall-bejgħ tal-obbligi ta’ kreditu ma kinux relatati mar-riskju ta’ kreditu, bħal fejn hemm il-ħtieġa għal żieda fil-likwidità

tal-istituzzjoni jew hemm bidla fl-istrateġija tan-negozju, u l-istituzzjoni ma tikkunsidrax il-kwalità tal-kreditu ta' dawk l-obbligi bħala rifjutati, it-telf ekonomiku relatat mal-bejgħ ta' dawk l-obbligi għandu jitqies mhux relatat mal-kreditu. F'dak il-każ, il-bejgħ ma għandux jitqies bħala indikazzjoni ta' inadempjenza, anke meta t-telf huwa materjali, bil-kundizzjoni tal-ġustifikazzjoni adegwata, iddokumentata, tat-trattament tat-telf tal-bejgħ bħala wieħed li mhuwiex relatat mal-kreditu. L-istituzzjonijiet jistgħu, b'mod partikolari, iqisu t-telf fuq il-bejgħ tal-obbligi ta' kreditu bħala mhux relatati mal-kreditu, meta l-assi soġġetti għall-bejgħ huma assi nnegozjati b'mod pubbliku u huma mkejla bil-valur ġust.

43. Meta, madankollu, it-telf fuq il-bejgħ tal-obbligi ta' kreditu huwa relatat mal-kwalità tal-kreditu tal-obbligi nfushom, b'mod partikolari, meta l-istituzzjoni tbigħ l-obbligi ta' kreditu minħabba t-tnaqqis fil-kwalità tagħhom, l-istituzzjoni għandha tanalizza l-materjalità tat-telf ekonomiku u, meta t-telf ekonomiku jkun materjali, dan għandu jitqies indikazzjoni ta' inadempjenza.
44. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu livell limitu għat-telf ekonomiku relatat mal-kreditu li huwa relatat mal-bejgħ tal-obbligi ta' kreditu li għandhom jitqiesu materjali, li għandu jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja, u li ma għandux ikun aktar minn 5 %:

$$L = \frac{E - P}{E}$$

meta:

*L* huwa t-telf ekonomiku relatat mal-bejgħ tal-obbligi ta' kreditu;

*E* huwa l-ammont totali pendenti tal-obbligi soġġetti għall-bejgħ, inkluż l-imgħax u t-tariffi;

*P* huwa l-prezz miftiehem għall-obbligi mibjugħa.

45. Sabiex jivvalutaw il-materjalità tat-telf ekonomiku ġenerali relatat mal-bejgħ tal-obbligi, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw it-telf ekonomiku u jqabbluh mal-livell limitu msemmi fil-paragrafu 44. Meta t-telf ekonomiku huwa oġġla mil-livell limitu, huma għandhom iqisu l-obbligi ta' kreditu inadempjenti.
46. Il-bejgħ tal-obbligi ta' kreditu jistgħu jitwettqu jew qabel jew wara l-inadempjenza. Fil-każ ta' istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ IRB, irrispettivament mill-mument tal-bejgħ, jekk il-bejgħ kien relatat ma' telf ekonomiku relatat mal-kreditu materjali, l-informazzjoni dwar it-telf għandha tiġi reġistrata u maħżuna b'mod adegwat għall-iskop tal-istimi tal-parametri tar-riskju.
47. Jekk il-bejgħ ta' obbligi ta' kreditu b'telf ekonomiku relatat mal-kreditu materjali seħħ qabel l-identifikazzjoni ta' inadempjenza fuq dik l-iskopertura, il-mument tal-bejgħ għandu jitqies il-mument ta' inadempjenza. Fil-każ ta' bejgħ parzjali tal-obbligazzjonijiet totali ta' debitur meta l-bejgħ huwa assoċjat ma' telf ekonomiku relatat mal-kreditu materjali, l-iskoperturi kollha li fadal għal dan id-debitur għandhom jiġu ttrattati bħala inadempjenti, diment li l-iskoperturi

huma eliġibbli bħala skoperturi fil-livell tal-konsumatur u l-istituzzjoni tapplika d-definizzjoni ta' inadempjenza fil-livell tal-faċilità.

48. Fil-każ ta' bejgħ ta' portafoll ta' skoperturi, it-trattament ta' obbligi ta' kreditu individwali fi ħdan dan il-portafoll għandu jiġi determinat skont il-mod li bih il-prezz għall-portafoll għie stabbilit. Meta l-prezz għall-portafoll totali jkun għie ddeterminat billi għie speċifikat l-iskont fuq l-obbligi ta' kreditu partikolari, il-materjalità ta' telf ekonomiku relatat mal-kreditu għandha tiġi vvalutata b'mod individwali għal kull skopertura fi ħdan il-portafoll. Meta, madankollu, il-prezz ikun għie stabbilit fil-livell tal-portafoll biss, il-materjalità tat-telf ekonomiku relatat mal-kreditu tista' tiġi vvalutata fil-livell tal-portafoll u f'dak il-każ, jekk il-livell limitu speċifikat fil-paragrafu 44 jinkiser, l-obbligi ta' kreditu kollha f'dan il-portafoll għandhom jiġu ttrattati bħala inadempjenti fil-mument tal-bejgħ.

## Ir-ristrutturazzjoni oneruża

49. Għall-finijiet tal-improbabbiltà tal-ħlas kif imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 178(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ristrutturazzjoni oneruża għandha titqies li tkun saret meta l-konċessjonijiet jkunu ġew estiżi lejn debitur li jaffaċċja jew li ser jaffaċċja diffikultajiet biex jissodisfa l-impenji finanzjarji tiegħu kif speċifikat fil-paragrafi 163-167 u 172-174 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014<sup>3</sup> kif għie emendat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/227<sup>4</sup>.
50. Minħabba li, kif imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 178(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, id-debitur għandu jitqies inadempjenti meta r-ristrutturazzjoni oneruża x'aktarx li tirriżulta f'obbligu finanzjarju mnaqqas, meta jitqiesu l-iskoperturi mrażżna, id-debitur għandu jiġi kklassifikat bħala inadempjenti biss meta l-miżuri ta' tolleranza rilevanti x'aktarx jirriżultaw f'obbligu finanzjarju mnaqqas.
51. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu livell limitu għall-obbligu finanzjarju mnaqqas li jitqies li huwa kkawżat permezz ta' maħfra materjali jew posponiment tal-kapital, tal-imgħax jew tat-tariffi u li għandu jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja u li ma għandux ikun aktar minn 1 %:

$$DO = \frac{NPV_0 - NPV_1}{NPV_0}$$

meta:

DO hija l-obbligu finanzjarju mnaqqas;

---

<sup>3</sup> ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1.

<sup>4</sup> ĠU L 48, 20.2.2015, p. 1.

$NPV_0$  hija l-valur nett preżenti tal-flussi tal-flus (inkluż l-imgħax mhux imħallas u t-tariffi) mistennija taħt obbligi kuntrattwali qabel it-tibdil fit-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt skontat bl-użu tar-rata tal-imgħax effettiva oriġinali tal-klijent;

$NPV_1$  hija l-valur nett preżenti tal-flussi tal-flus mistennija bbażat fuq l-arranġament il-ġdid skontat bl-użu tar-rata tal-imgħax oriġinarjament effettiva tal-klijent.

52. Għall-finijiet tal-improbabbiltà tal-ħlas kif imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 178(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għal kull ristrutturazzjoni oneruża, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-obbligu finanzjarju mnaqqas u jqabbluh mal-livell limitu msemmi fil-paragrafu 51. Meta l-obbligu finanzjarju mnaqqas huwa ogħla minn dan il-livell limitu, l-iskoperturi għandhom jitqiesu inadempjenti.
53. Jekk, madankollu, l-obbligu finanzjarju mnaqqas huwa inqas mill-livell limitu speċifikat, u b'mod partikolari meta l-valur preżenti nett ta' flussi tal-flus mistennija bbażati fuq l-arranġament tar-ristrutturazzjoni oneruża huwa ogħla mill-valur preżenti nett ta' flussi tal-flus mistennija qabel it-tibdil fit-termini u l-kundizzjonijiet, l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw tali skoperturi għal indikazzjonijiet oħrajn possibbli tal-improbabbiltà tal-ħlas. Meta l-istituzzjoni jkollha dubji raġonevoli fir-rigward tal-probabbiltà tal-ħlas lura b'mod sħiħ u f'waqtu tal-obbligu skont l-arranġament il-ġdid, id-debitur għandu jitqies inadempjenti. L-indikaturi li jistgħu jissuġġerixxu improbabbiltà tal-ħlas jinkludu dan li ġej:
- (a) ħlas ta' ammont kbir f'salt previst fit-tmiem tal-iskeda tal-ħlas lura;
  - (b) skeda ta' ħlas lura irregolari fejn ħlas aktar baxx b'mod sinifikanti huwa previst fil-bidu tal-iskeda tal-ħlas lura;
  - (c) pawża sinifikanti mill-pagamenti fil-bidu tal-iskeda tal-ħlas lura;
  - (d) l-iskoperturi għad-debitur kienu soġġetti għal ristrutturazzjoni oneruża aktar minn darba.
54. Kwalunkwe konċessjoni estiża lil debitur li diġà huwa inadempjenti, għandha twassal biex tikklassifika lid-debitur bħala ristrutturatar oneruż. L-iskoperturi kollha kklassifikati bħala skoperturi mraġżna li mhumiex produttivi skont l-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 kif emendat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/227, għandhom jiġu kklassifikati bħala inadempjenti u għandhom ikunu soġġetti għal ristrutturatar oneruż.
55. Meta xi waħda mill-modifiki tal-iskeda tal-obbligi ta' kreditu msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 178(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 hija r-riżultat ta' diffikultajiet finanzjarji ta' debitur, l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw jekk seħħxirstrukturatar oneruż u jekk seħħitx indikazzjoni ta' improbabbiltà tal-ħlas.

## Falliment

56. Għall-finijiet tal-improbabbiltà tal-ħlas kif imsemmi fil-punt (e) u (f) tal-Artikolu 178(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw b'mod ċar fil-politiki interni tagħhom liema tip ta' arranġament huwa ttrattat bħala ordni jew bħala protezzjoni simili għall-falliment, filwaqt li jitqiesu l-oqfsa legali kollha rilevanti, kif ukoll il-karatteristiċi tipiċi li ġejjin ta' tali protezzjoni:

- (a) l-iskema ta' protezzjoni tħaddan il-kredituri kollha jew il-kredituri kollha bi pretensjonijiet mhux iggarantiti;
- (b) it-termini u l-kundizzjonijiet tal-iskema ta' protezzjoni huma approvati mill-qorti jew minn awtorità pubblika oħra rilevanti;
- (c) it-termini u l-kundizzjonijiet tal-iskema ta' protezzjoni jinkludu sospensjoni temporanja tal-ħlasijiet jew amortizzazzjoni parzjali tad-dejn;
- (d) il-miżuri jinvolve xi tip ta' kontroll fuq l-immaniġġjar tal-kumpanija u l-assi tagħha;
- (e) jekk l-iskema ta' protezzjoni tfalli, x'aktarx il-kumpanija tiġi likwidata.

57. L-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw l-arranġamenti kollha elenkati fl-Anness A tar-Regolament (UE) 2015/848<sup>5</sup> bħala ordni jew bħala protezzjoni simili għall-falliment.

## Indikazzjonijiet oħrajn tal-improbabbiltà tal-ħlas

58. L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw fil-politiki u l-proċeduri interni tagħhom, indikazzjonijiet addizzjonali oħrajn tal-improbabbiltà tal-ħlas ta' debitur, minbarra dawk speċifikati fl-Artikolu 178(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Dawk l-indikazzjonijiet addizzjonali għandhom jiġu speċifikati skont it-tip tal-iskopertura, kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 142(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li jirriflettu l-ispeċifità tagħhom, u għandhom ikunu speċifikati għal-linji kollha tan-negozju, l-entitajiet legali jew il-postijiet ġeografiċi. L-okkorrenza ta' indikazzjoni addizzjonali ta' improbabbiltà tal-ħlas għandha tirriżulta f'riklassifikazzjoni awtomatika għal skoperturi inadempjenti jew inkella għandha tiskatta valutazzjoni ta' każ b'każ u tista' tinkludi indikazzjonijiet ibbażati fuq informazzjoni interna jew esterna.

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-proċedimenti ta' insolvenza (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 19).

59. L-indikazzjonijiet possibbli tal-improbabbiltà tal-ħlas li tista' titqies mill-istituzzjonijiet fuq il-bażi ta' informazzjoni interna jinkludu dan li ġej:

- (a) is-sorsi ta' min jissellef ta' dħul rikorrenti m'għadhomx disponibbli biex jissodisfaw il-ħlasijiet tal-pagamenti parzjali;
- (b) hemm tħassib iġġustifikat dwar il-kapaċità futura ta' min jissellef biex jiġġenera flussi stabbli u suffiċjenti tal-flus;
- (c) il-livell globali tal-ingranaġġ ta' min jissellef żdied b'mod sinifikanti jew ikun hemm aspettattivi ġġustifikati ta' tali bidliet għall-ingranaġġ;
- (d) min jissellef ikun kiser il-pattijiet ta' kuntratt tal-kreditu;
- (e) l-istituzzjoni tkun talbet kwalunkwe kollateral inkluż garanzija;
- (f) għall-iskoperturi ta' individwu; l-inadempjenza ta' kumpanija li hija għal kollox il-proprjetà ta' individwu wieħed fejn dan l-individwu pprovda lill-istituzzjoni b'garanzija personali għall-obbligi kollha ta' kumpanija;
- (g) għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur fejn id-definizzjoni ta' inadempjenza hija applikata fil-livell ta' faċilità ta' kreditu individwali, il-fatt li parti sinifikanti tal-obbligu totali tad-debitur hija f'inadempjenza;
- (h) ir-rappurtar ta' skopertura bħala mhux produttiva skont l-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 kif emendat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/227, ħlief fejn l-awtoritajiet kompetenti ssostitwixxew id-90 jum skaduti b'180 jum skaduti skont il-punt (b) tal-Artikolu 178(1) tar-Regolament UE (Nru) 575/2013.

60. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu wkoll l-informazzjoni disponibbli f'bażijiet esterni tad-data, inkluż reġistri ta' kreditu, indikaturi makroekonomiċi u sorsi ta' informazzjoni pubblika, inkluż artikli tal-istampa u rapporti ta' analisti finanzjarji. L-indikazzjonijiet tal-improbabbiltà tal-ħlas li jstgħu jitqiesu mill-istituzzjonijiet fuq il-bażi ta' informazzjoni esterna, jinkludu dan li ġej:

- (a) dewmien sinifikanti fil-ħlasijiet lil kredituri oħrajn ġie rreġistrat fir-reġistru tal-kreditu rilevanti;
- (b) kriżi tas-settur li fih il-kontroparti topera flimkien ma' pożizzjoni dgħajfa tal-kontroparti f'dan is-settur;
- (c) għajbien ta' suq attiv għal ass finanzjarju minħabba diffikultajiet finanzjarji tad-debitur;
- (d) istituzzjoni għandha informazzjoni li parti terza, b'mod partikolari istituzzjoni oħra, iddikjarat stat ta' falliment jew protezzjoni simili tad-debitur.



61. Meta jispeċifikaw il-kriterji għall-improbabbiltà tal-ħlas, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu r-relazzjonijiet fi ħdan il-gruppi ta' klijenti konnessi kif definit fil-punt 39 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. B'mod partikolari, l-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw fil-politiki interni tagħhom meta l-inadempjenza ta' debitur wieħed fi ħdan il-grupp ta' klijenti konnessi għandha effett kontaġġjuż fuq entitajiet oħrajn fi ħdan il-grupp. Tali speċifikazzjonijiet għandhom ikunu konformi mal-politiki adegwati għall-assenjazzjoni ta' skoperturi għal debitur individwali għal grad ta' debitur u għal gruppi ta' klijenti konnessi skont il-punt (d) tal-Artikolu 172(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Fejn tali kriterji ma jkunux ġew speċifikati għal sitwazzjoni mhux standard, fil-każ ta' inadempjenza ta' debitur li huwa parti minn grupp ta' klijenti konnessi, l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw l-improbabbiltà potenzjali tal-ħlas tal-entitajiet l-oħrajn kollha f'dan il-grupp fuq bażi ta' każ b'każ.
62. Meta ass finanzjarju nxtara jew oriġina minn istituzzjoni bi skont materjali, l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw jekk dak l-iskont jirriflettix il-kwalità ddeterjorata ta' kreditu tad-debitur u jekk hemmx xi indikazzjonijiet ta' inadempjenza skont dawn il-linji gwida. Il-valutazzjoni tal-improbabbiltà tal-ħlas għandha tirreferi għall-ammont totali dovut mid-debitur, irrispettivament mill-prezz li l-istituzzjoni ħallset għall-assi. Din il-valutazzjoni tista' tkun ibbażata fuq id-diliġenza dovuta mwettqa qabel ix-xiri tal-ass jew fuq l-analiżi mwettqa għall-finijiet ta' kontabilità sabiex jiġi ddeterminat jekk l-ass huwiex kreditu indebolit.
63. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom politiki u proċeduri adegwati biex jidentifikaw frodi ta' kreditu. Normalment, meta jiġi identifikat xi frodi tal-kreditu, l-iskopertura tkun diġà inadempjenti fuq il-bażi ta' dewmien materjali fil-ħlas. Madankollu, jekk il-frodi ta' kreditu jiġi identifikat qabel ma tkun ġiet rikonoxxuta l-inadempjenza, dan għandu jiġi ttrattat bħala indikazzjoni addizzjonali ta' improbabbiltà tal-ħlas.

## Il-proċessi ta' governanza fir-rigward tal-improbabbiltà tal-ħlas

64. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu politiki fir-rigward tad-definizzjoni ta' inadempjenza sabiex jiżguraw l-applikazzjoni konsistenti u effettiva tagħha u b'mod partikolari huma għandu jkollhom politiki u proċeduri ċari dwar l-applikazzjoni tal-kriterji għall-improbabbiltà tal-ħlas kif stabbilit fl-Artikolu 178(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-indikazzjonijiet l-oħrajn kollha tal-improbabbiltà tal-ħlas kif speċifikat mill-istituzzjoni, billi jiġu koperti t-tipi kollha ta' skoperturi kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 142(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għal-linji kollha tan-negozju, l-entitajiet legali u l-postijiet ġeografiċi.
65. Fir-rigward ta' kull indikazzjoni ta' improbabbiltà tal-ħlas, l-istituzzjonijiet għandhom jiddefinixxu l-metodi adegwati tal-identifikazzjoni tagħhom, inkluż is-sorsi tal-informazzjoni u l-frekwenza tal-monitoraġġ. Is-sorsi tal-informazzjoni għandhom jinkludu s-sorsi interni, kif ukoll dawk esterni, inkluż b'mod partikolari bażijiet tad-data u reġistri esterni rilevanti.

## 6. L-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza f'data esterna

---

66. L-istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ IRB u li jużaw data esterna għall-iskop tal-istima tal-parametri tar-riskju skont l-Artikolu 178(4) tar-Regolament Nru 575/2013 għandhom japplikaw ir-rekwiżiti speċifikati f'din it-taqsimha.
67. Għall-finijiet tal-Artikolu 178 (4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu dan kollu li ġej:
- (a) jivverifikaw jekk id-definizzjoni ta' inadempjenza użata fid-data esterna hijiex konformi mal-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) 575/2013;
  - (b) jivverifikaw jekk id-definizzjoni ta' inadempjenza użata fid-data esterna hijiex konsistenti mad-definizzjoni ta' inadempjenza kif inhi implimentata mill-istituzzjoni għall-portafoll rilevanti ta' skoperturi, inkluż b'mod partikolari: l-għadd u n-numru ta'jiem skaduti li jiskattaw l-inadempjenza, l-istruttura u l-livell tal-livell limitu ta' materjalità għall-obbligi ta' kreditu skaduti, id-definizzjoni ta' ristrutturar oneruż li jikkawża l-inadempjenza, it-tip u l-livell tal-aġġustamenti speċifiċi tar-riskju tal-kreditu li jikkawżaw l-inadempjenza u l-kriterji għar-ritorn għal status mhux inadempjenti;
  - (c) sorsi tad-dokumenti ta' data esterna, id-definizzjoni ta' inadempjenza użata fid-data esterna, l-analiżi mwettqa u d-differenzi identifikati kollha.
68. Għal kull differenza identifikata fid-definizzjoni ta' inadempjenza li tirriżulta mill-valutazzjoni tal-paragrafu 67, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu dan kollu li ġej:
- (a) jivvalutaw jekk l-aġġustament għad-definizzjoni interna ta' inadempjenza jwassalx għal rata miżjuda jew imnaqqsqa ta' inadempjenza jew jekk huwiex impossibbli li jiġi ddeterminat;
  - (b) jew it-twertiq ta' aġġustamenti xierqa fid-data esterna jew il-kapaċità li jintwera li d-differenza hija negliġibbli f'termini tal-impatt fuq il-parametri tar-riskju kollha u r-rekwiżiti tal-fondi proprji;
69. Fir-rigward tat-totalità tad-differenzi identifikati fid-definizzjoni ta' inadempjenza li jirriżultaw mill-valutazzjoni tal-paragrafu 67 u filwaqt li jitqiesu l-aġġustamenti mwettqa skont punt (b) tal-paragrafu 68, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu kapaċi juru lill-awtoritajiet kompetenti li nkisbet ekwivalenza wiesgħa mad-definizzjoni interna ta' inadempjenza, inkluż, fejn ikun possibbli, permezz ta' paragun bejn ir-rata ta' inadempjenza fid-data interna dwar tip rilevanti ta' skoperturi mad-data esterna.

70. Meta l-valutazzjoni tal-paragrafu 67 tidentifika differenzi fid-definizzjoni ta' inadempjenza li l-proċess tal-paragrafu 68 jiżvela li dawn mhumiex eliġibbli iżda mhumiex possibbli li jingħelbu permezz ta' aġġustamenti fid-data esterna, l-istituzzjonijiet huma meħtieġa li jadottaw marġni adegwat ta' konservattiżmu fl-istima tal-parametri ta' riskju kif imsemmi fl-Artikolu 179(1)(f) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. F'dak il-każ, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li dan il-marġni addizzjonali ta' konservattiżmu jirrifletti l-materjalità tad-differenzi li jifdal fid-definizzjoni tal-inadempjenza u l-impatt possibbli tagħhom fuq il-parametri kollha tar-riskju.

## 7. Il-kriterji għar-ritorn għal status mhux inadempjenti

---

### Kondizzjonijiet minimi għar-riklassifikazzjoni għal status mhux inadempjenti

71. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 178(5) tar-Regolament (UE) 575/2013, bl-eċċezzjoni tas-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 72, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan kollu li ġej:

- (a) iqisu li l-ebda skattatur ta' inadempjenza ma jkompli japplika għal skopertura inadempjenti preċedenti, fejn mill-inqas ikunu għaddew 3 xhur mill-mument li fih il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 178 (1)(b) u 178(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ma jibqgħux jiġu ssodisfati;
- (b) iqisu l-imġiba tad-debitur matul il-perjodu msemmi fil-punt (a);
- (c) iqisu l-imġiba tas-sitwazzjoni finanzjarja tad-debitur matul il-perjodu msemmi f'punt (a);
- (d) wara l-perjodu msemmi fil-punt (a), iwettqu valutazzjoni, u, meta l-istituzzjoni xorta ssib li d-debitur x'aktarx ma jħallasx l-obbligi tiegħu bis-sħiħ mingħajr ma jirrikorri għal realizzazzjoni tat-titolu, l-iskoperturi għandhom ikomplu jiġu kklassifikati bħala inadempjenti sakemm l-istituzzjoni tkun issodisfata li t-titjib tal-kwalità tal-kreditu huwa fattwali u permanenti;
- (e) il-kundizzjonijiet imsemmija f'punti (a) sa (d) għandhom jiġu ssodisfatti wkoll fir-rigward tal-iskoperturi ġodda lid-debitur, b'mod partikolari meta l-iskoperturi inadempjenti preċedenti għal dan id-debitur inbiegħu jew

L-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw il-perjodu msemmi f'punt (a) għall-iskoperturi kollha jew japplikaw perjodi differenti għal tipi differenti ta' skoperturi.

72. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 178(5) tar-Regolament (UE) 575/2013, u fejn ristrutturar oneruż skont il-paragrafu 49 ta' dawn il-linji gwida japplika għal skopertura inadempjenti, irrISPETTIVAMENT minn jekk din ir-ristrutturazzjoni twettqitx qabel jew wara l-identifikazzjoni ta' inadempjenza, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu li l-ebda skattatur ta' inadempjenza ma għandu jkompli japplika għal skopertura inadempjenti preċedenti, fejn tal-inqas tkun għaddiet sena mill-aktar avveniment riċenti bejn dawn li ġejjin:

- (a) il-mument meta jiġu estiżi l-miżuri ta' ristrutturar;
- (b) il-mument meta l-iskopertura tkun ġiet ikklassifikata bħala inadempjenti;
- (c) it-tmiem tal-perjodu tal-pawża mill-pagamenti inkluż fl-arranġamenti ta' ristrutturar.

73. L-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw mill-ġdid l-iskopertura għal status mhux inadempjenti wara tal-inqas perjodu ta' sena msemmi fil-paragrafu preċedenti, meta jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) matul dak il-perjodu sar ħlas materjali mid-debitur; ħlas materjali jista' jitqies li jkun sar fejn id-debitur ikun ħallas permezz tal-ħlasijiet regolari tiegħu skont l-arranġamenti ta' ristrutturar, total ekwivalenti għall-ammont li kien skadut preċedentement (jekk kien hemm ammonti skaduti) jew li ġie mħassar (jekk kien hemm ammonti skaduti) skont il-miżuri ta' ristrutturazzjoni;
- (b) matul dak il-perjodu, il-ħlasijiet saru b'mod regolari skont l-iskeda applikabbli wara l-arranġamenti ta' ristrutturazzjoni;
- (c) ma hemm l-ebda obbligu ta' kreditu skaduti skont l-iskeda applikabbli wara l-arranġamenti ta' ristrutturazzjoni;
- (d) l-ebda indikazzjoni ta' improbabbiltà ta' ħlas kif speċifikat fl-Artikolu 178(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew kwalunkwe indikazzjoni addizzjonali tal-improbabbiltà tal-ħlas speċifikata mill-istituzzjoni ma tapplika;
- (e) l-istituzzjoni ma tqisx mod ieħor ħlief li huwa improbabbli li d-debitur ser iħallas l-obbligi ta' kreditu tiegħu bis-sħiħ skont l-iskeda wara l-arranġamenti ta' ristrutturar mingħajr rikors għar-realizzazzjoni tas-sigurtà. F'din il-valutazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jeżaminaw b'mod partikolari s-sitwazzjonijiet fejn huwa previst ħlas f'somma waħda kbira jew ħlasijiet akbar b'mod sinifikanti fit-tmiem tal-iskeda tal-ħlas lura;
- (f) il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (e) għandhom jiġu ssodisfatti wkoll fir-rigward ta' skoperturi ġodda għad-debitur, b'mod partikolari meta l-iskoperturi inadempjenti preċedenti għal dan id-debitur li kienu soġġetti għal ristrutturar oneruż inbiegħu jew ġew imħassra.

74. Meta d-debitur jinbidel minħabba avveniment bħal fużjoni jew akkwizzjoni tad-debitur jew kwalunkwe tranżazzjoni oħra simili, l-istituzzjoni ma għandhiex tapplika l-paragrafu 73(a). Meta jinbidel l-isem tad-debitur, minflok, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dak il-paragrafu.

## Il-monitoraġġ tal-effettività tal-politika

75. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 178(5) tar-Regolament (UE) 575/2013, istituzzjoni għandha tiddefinixxi kriterji u politiki ċari fir-rigward ta' meta debitur jista' jiġi kklassifikat lura għal status ta' mhux inadempjenti u b'mod aktar partikolari, it-tnejn li ġejjin:

(a) meta jista' jiġi kkunsidrat li t-titjib tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' debitur huwa biżżejjed biex jippermetti l-ħlas lura sħiħ u f'waqtu tal-obbligu ta' kreditu;

(b) meta attwalment, il-ħlas lura x'aktarx isir anke meta hemm titjib fis-sitwazzjoni finanzjarja ta' debitur skont il-punt (a).

76. L-istituzzjonijiet għandhom jimmonitorjaw fuq bażi regolari l-effettività tal-politiki tagħhom imsemmija fil-paragrafu 75, u b'mod partikolari jimmonitorjaw u janalizzaw:

(a) il-bidliet fl-istatus tad-debitur jew tal-faċilitajiet;

(b) l-impatt tal-politiki adottati fuq ir-rati ta' rimedju;

(c) l-impatt tal-politiki adottati fuq inadempjenzi multipli.

77. Huwa mistenni li l-istituzzjoni jkollha numru limitat ta' debituri li jkunu inadempjenti malajr wara r-ritorn għal status mhux inadempjenti. Fil-każ ta' numru estensiv ta' inadempjenzi multipli, l-istituzzjoni għandha tirrevedi l-politiki tagħha fir-rigward tar-riklassifikazzjoni tal-iskoperturi.

78. L-analiżi tal-bidliet fl-istatus tad-debituri jew tal-faċilitajiet, għandha titqies b'mod partikolari għall-iskop ta' speċifikazzjoni tal-perjodi msemmija fil-paragrafi 71 u 72. L-istituzzjonijiet jistgħu jispeċifikaw perjodi itwal għall-iskoperturi li ġew ikklassifikati bħala inadempjenti fl-24 xahar preċedenti.

## 8. Il-konsistenza fl-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza

---

### Ħarsa Ġenerali

79. L-istituzzjonijiet għandhom jadottaw mekkaniżmi u proċeduri adegwati sabiex jiżguraw li d-definizzjoni ta' inadempjenza hija implimentata u użata b'mod korrett, u għandhom jiżguraw b'mod partikolari li:

(a) L-inadempjenza ta' debitur wieħed hija identifikata b'mod konsistenti madwar l-istituzzjonijiet kollha fir-rigward tal-iskoperturi kollha għal dan id-debitur fis-sistemi kollha rilevanti tal-IT, inkluż fl-entitajiet legali kollha fi ħdan il-grupp u fil-postijiet ġeografiċi kollha skont il-paragrafi 80 sa 82 jew għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur skont il-paragrafi 92 sa 94;

(b) li tapplika waħda minn dawn li ġejjin:

i. L-istess definizzjoni ta' inadempjenza tintuża b'mod konsistenti minn istituzzjoni, imprima omm jew kwalunkwe sussidjarja tagħha u fit-tipi kollha ta' skoperturi;

ii. meta definizzjonijiet differenti ta' inadempjenza japplikaw fi grupp jew fit-tipi tal-iskoperturi, il-kamp ta' applikazzjoni ta' kull definizzjoni ta' inadempjenza huwa speċifikat b'mod ċar, skont il-paragrafi 83 sa 85;

### L-identifikazzjoni konsistenti ta' inadempjenza ta' debitur wieħed

80. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 79, l-istituzzjonijiet għandhom jimplimentaw proċeduri u mekkaniżmi adegwati sabiex jiżguraw li l-inadempjenza ta' debitur wieħed hija identifikata b'mod konsistenti madwar l-istituzzjoni fir-rigward tal-iskoperturi kollha għal dan id-debitur fis-sistemi kollha rilevanti tal-IT, inkluż fl-entitajiet legali kollha fi ħdan il-grupp u fil-postijiet ġeografiċi kollha fejn hija attiva b'modi oħra għajr permezz ta' entità legali.

81. Meta l-iskambju tad-data tal-klijent fost entitajiet legali differenti fi ħdan istituzzjoni, l-imprima omm jew kwalunkwe sussidjarja tagħha huwa pprojbit minn regolamenti dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi, b'sigriet bankarju jew b'leġislazzjoni oħra li jirriżulta fl-inkonsistenzi fl-identifikazzjoni ta' inadempjenza ta' debitur, l-istituzzjonijiet għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom dwar dawn l-impedimenti legali u, jekk jużaw l-Approċċ IRB, huma għandhom jagħmlu wkoll stima tal-materjalità tal-inkonsistenzi fl-identifikazzjoni ta' inadempjenza ta' debitur u l-impatt possibbli tagħhom fuq l-istimi tal-parametri tar-riskju.

82. Barra minn hekk, meta l-identifikazzjoni ta' inadempjenza ta' debitur b'mod kompletament konsistenti fi ħdan l-istituzzjoni, l-impriża omm jew kwalunkwe sussidjarja tagħha hija ta' piż kbir, li teħtiegħ l-iżvilupp ta' bażi tad-data ċentralizzata tal-klijenti kollha jew l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi jew proċeduri oħrajn sabiex jiġi vverifikat l-istatus ta' kull klijent fl-entitajiet kollha fi ħdan il-grupp, l-istituzzjonijiet ma jeħtiġux li japplikaw tali mekkaniżmi jew proċedura jekk huma jistgħu juru li l-effett ta' non-konformità huwa immaterjali minħabba li ma hemm l-ebda jew hemm numru limitat ta' klijenti komuni fost l-entitajiet rilevanti fil-grupp u l-iskopertura għal dawn il-klijenti hija immaterjali.

## L-użu konsistenti tad-definizzjoni ta' inadempjenza fit-tipi ta' skoperturi

83. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 79, istituzzjoni jew impriża omm jew kwalunkwe sussidjarja tagħha għandha tuża l-istess definizzjoni ta' inadempjenza għal tip wieħed ta' skoperturi kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 142(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Huma jistgħu jużaw definizzjonijiet differenti ta' inadempjenza għal tipi differenti ta' skoperturi, inkluż għal ċerti entitajiet legali jew għall-preżenza fil-postijiet ġeografiċi b'modi oħrajn għajr permezz ta' entità legali, fejn dan huwa ġġustifikat mill-applikazzjoni ta' Prattiki tal-immaniġġjar tar-riskji interni differenti b'mod sinifikanti jew permezz ta' rekwiżiti legali differenti li japplikaw f'għurisdizzjonijiet differenti, b'mod partikolari b'raġunijiet bħal:

- (a) livelli limiti differenti ta' materjalità stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti fil-għurisdizzjonijiet tagħhom skont il-punt (d) tal-Artikolu 178(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
- (b) l-użu ta' 180 jum minflok ta' 90 jum skaduti għal ċerti tipi ta' skoperturi li għalihom huwa applikat l-approċċ IRB f'xi għurisdizzjonijiet skont il-punt (b) tal-Artikolu 178(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
- (c) l-ispeċifikazzjoni ta' indikazzjonijiet addizzjonali tal-improbabbiltà tal-ħlas speċifika għal ċerti entitajiet legali, postijiet ġeografiċi jew tipi ta' skoperturi.

84. Għall-finijiet tal-punt (b)(ii) tal-paragrafu 79, u meta jiġu applikati definizzjonijiet differenti ta' inadempjenza fit-tipi ta' skoperturi skont il-paragrafu 83, il-proċeduri interni tal-istituzzjonijiet li jirreletaw mad-definizzjoni ta' inadempjenza għandhom jiżguraw dawn it-tnejn li ġejjin:

- (a) li l-kamp ta' applikazzjoni ta' kull definizzjoni huwa speċifikat b'mod ċar;
- (b) li d-definizzjoni ta' inadempjenza speċifikata għal ċertu tip ta' skoperturi, entità legali jew il-post ġeografiku hija applikata b'mod konsistenti għall-iskoperturi kollha fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' kull definizzjoni rilevanti ta' inadempjenza.

85. Barra minn hekk, għal istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ IRB, l-użu ta' definizzjonijiet differenti ta' inadempjenza għandu jkun rifless b'mod adegwat fl-istima tal-parametri tar-riskju fil-każ

ta' sistemi ta' klassifikazzjoni li l-iskop ta' applikazzjoni tagħhom jinkludi definizzjonijiet differenti ta' inadempjenza.

## 9. L-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur

---

### Il-livell ta' applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur

86. Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 178(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fil-każ ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur, l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw id-definizzjoni ta' inadempjenza fil-livell ta' faċilità tal-kreditu individwali aktar milli fir-rigward tal-obbligi totali ta' min jissellef. Għalhekk, l-istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ IRB, b'mod partikolari, jistgħu japplikaw id-definizzjoni ta' inadempjenza fil-livell tal-faċilità individwali għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur kif definit fl-Artikolu 147(5) tar-Regolament (UE) 575/2013. L-istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ Standardizzat, minflok jistgħu japplikaw id-definizzjoni ta' inadempjenza fil-livell tal-faċilità ta' kreditu individwali għall-iskoperturi kollha li jissodisfaw il-kriterji kollha speċifikati fl-Artikolu 123 tar-Regolament (UE) 575/2013, anke meta xi skoperturi minn dawn ikunu ġew assenjati għal klassi differenti ta' skoperturi għall-iskop tal-assenjar tal-piż tar-riskju, bħal skoperturi ggarantiti b'ipoteka fuq proprjetà immobbli.
87. L-istituzzjonijiet għandhom jagħżlu l-livell tal-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza bejn id-debitur u l-faċilità għall-iskoperturi kollha fil-livell tal-konsumatur b'mod li jirrifletti l-prattiki tagħhom tal-immaniġġjar tar-riskji interni.
88. L-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw id-definizzjoni ta' inadempjenza fil-livell ta' debitur għal xi tipi ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur u fil-livell ta' faċilità ta' kreditu għall-oħrajn, fejn dan huwa ġġustifikat tajjeb permezz ta' Prattiki tal-immaniġġjar tar-riskji interni, pereżempju minħabba mudell tan-negozju differenti ta' sussidjarja, u fejn hemm evidenza li n-numru ta' sitwazzjonijiet fejn l-istess klijenti huma soġġetti għal definizzjonijiet differenti ta' inadempjenza f'livelli differenti tal-applikazzjoni huwa miżmum għall-minimu strett.
89. Fejn l-istituzzjonijiet jiddeċiedu li jużaw livelli differenti ta' applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza għal tipi differenti ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur, skont il-paragrafu 88, huma għandhom jiżguraw li l-kamp ta' applikazzjoni ta' kull definizzjoni ta' inadempjenza huwa speċifikat b'mod ċar u li jintuża b'mod konsistenti fuq medda ta' żmien għal tipi differenti ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur. Fil-każ ta' istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ IRB, l-istimi tar-riskju għandhom jirriflettu b'mod korrett id-definizzjoni ta' inadempjenza applikati għal kull tip ta' skopertura.



90. Meta l-istituzzjonijiet jużaw livelli differenti ta' applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza fir-rigward ta' ċerti portafolli fil-livell tal-konsumatur, it-trattament ta' klijenti komuni f'tali portafolli għandu jiġi speċifikat fil-politiki u fil-proċeduri interni tagħhom. B'mod partikolari, meta l-iskopertura li għaliha tapplika d-definizzjoni ta' inadempjenza fil-livell tad-debitur tissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet tal-punti (a) jew (b) jew it-tnejn li huma tal-Artikolu 178(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, allura l-iskoperturi kollha għal dak id-debitur għandhom jitqiesu inadempjenti, inkluż dawk soġġetti għall-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza fil-livell tal-faċilità ta' kreditu individwali. Meta l-iskopertura li hija soġġetta għall-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza fil-livell tal-faċilità ta' kreditu individwali tissodisfa dawk il-kundizzjonijiet, l-iskoperturi l-oħrajn għad-debitur ma għandhomx jiġu kklassifikati mill-ġdid b'mod awtomatiku għall-istatus ta' inadempjenza. L-istituzzjonijiet, madankollu, jistgħu jikklassifikaw dawk l-iskoperturi l-oħrajn bħala inadempjenti abbażi ta' improbabbiltà oħra ta' ħlas ta' kunsiderazzjonijiet, kif inhu pprovdut aktar fil-paragrafi 92 sa 94.
91. L-istess regola għandha tapplika għad-debituri ttrattati skont l-Approċċ Standardizzat, fejn xi skoperturi għal debitur jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 123 tar-Regolament (UE) 575/2013, filwaqt li skoperturi oħrajn għall-istess debitur huma fil-forma ta' titoli u għalhekk ma jikkwalifikawx bħala fil-livell tal-konsumatur. Meta skopertura fil-forma ta' titolu tissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet tal-punti (a) jew (b) jew it-tnejn li huma tal-Artikolu 178(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-iskoperturi kollha għal dak id-debitur għandhom jitqiesu inadempjenti. Meta l-iskopertura li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 123 tar-Regolament (UE) 575/2013 tissodisfa dawk il-kundizzjonijiet u l-istituzzjoni tapplika d-definizzjoni ta' inadempjenza fil-livell tal-faċilità tal-kreditu individwali, l-iskoperturi l-oħrajn għad-debitur m'għandhomx jiġu kklassifikati mill-ġdid b'mod awtomatiku għall-istatus ta' inadempjenza. L-istituzzjonijiet, madankollu, jistgħu jikklassifikaw dawk l-iskoperturi l-oħrajn bħala inadempjenti abbażi ta' improbabbiltà oħra ta' ħlas tal-kunsiderazzjonijiet, kif inhu pprovdut aktar fil-paragrafi 92 sa 94.

## L-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur fil-livell tal-faċilità

92. Meta, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 178(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, id-definizzjoni ta' inadempjenza ġiet applikata fil-livell tal-faċilità ta' kreditu individwali fir-rigward tal-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur, l-istituzzjonijiet ma għandhomx iqisu b'mod awtomatiku l-iskoperturi differenti għall-istess debitur inadempjenti fl-istess ħin. Madankollu, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu li xi indikazzjonijiet ta' inadempjenza huma relatati mal-kundizzjoni tad-debitur, pjuttost milli mal-istatus ta' skopertura partikolari. Dan jirreferi b'mod partikolari għall-indikazzjonijiet ta' improbabbiltà ta' ħlas relatati mal-falliment tad-debitur, kif inhu speċifikat fil-punti (e) u (f) tal-Artikolu 178(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Meta sseħħ tali indikazzjoni ta' inadempjenza, l-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw l-iskoperturi kollha għall-istess debitur bħala inadempjenti, irrispettivament mil-livell tal-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza.

93. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu wkoll indikazzjonijiet oħrajn ta' improbabiltà ta' ħlas u għandhom jispeċifikaw, f'konformità mal-politki u l-proċeduri interni tagħhom, liema indikazzjonijiet ta' improbabiltà tal-ħlas jirriflettu s-sitwazzjoni ġenerali ta' debitur pjuttost milli dik tal-iskopertura. Meta jseħħu tali indikazzjonijiet oħrajn tal-improbabbiltà tal-ħlas, l-iskoperturi kollha għad-debitur għandhom jitqiesu inadempjenti, irrispettivament mil-livell tal-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza.
94. Barra minn hekk, meta parti sinifikanti tal-iskoperturi għad-debitur tkun inadempjenti, l-istituzzjonijiet jistgħu jqisu li huwa improbabli li l-obbligi l-oħrajn ta' dak id-debitur ser jitħallsu b'mod sħiħ mingħajr rikors għal azzjonijiet bħal realizzazzjoni tat-titoli u li jiġu ttrattati bħala inadempjenti wkoll.

## L-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur fil-livell tad-debitur

95. L-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur fil-livell tad-debitur timplika li, meta kwalunkwe obbligu ta' kreditu tad-debitur jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-punti (a) jew (b) jew tat-tnejn li huma tal-Artikolu 178(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, allura l-iskoperturi kollha għal dak id-debitur għandhom jitqiesu inadempjenti. L-istituzzjonijiet li jiddeċiedu li japplikaw id-definizzjoni ta' inadempjenza għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur fil-livell tad-debitur, għandhom jispeċifikaw regoli ddettaljati għat-trattament tal-obbligi ta' kreditu konġunt u kontagġu ta' inadempjenza bejn l-iskoperturi fil-politiki u l-proċeduri interni tagħhom.
96. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu obbligu ta' kreditu konġunt bħala skopertura għal żewġ debitori jew aktar li huma responsabbli b'mod ugwali għall-ħlas lura tal-obbligu ta' kreditu. Dan il-kunċett ma jestendix għal obbligu ta' kreditu ta' debitur individwali ggarantit minn individwu ieħor jew entità oħra fil-forma ta' garanzija jew protezzjoni oħra ta' kreditu.
97. Meta l-kundizzjonijiet tal-punti (a) jew (b) jew it-tnejn li huma tal-Artikolu 178(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiġu ssodisfati fir-rigward ta' obbligu ta' kreditu konġunt ta' żewġ debitori jew aktar, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-obbligi l-oħrajn kollha ta' kreditu konġunt tal-istess sett ta' debitori u l-iskoperturi individwali kollha għal dawk id-debituri bħala inadempjenti, diment li dawn ikunu jistgħu jiġġustifikaw li r-rikonoxximent ta' inadempjenza fuq l-iskoperturi individwali mhuwiex adegwat minħabba li tal-inqas tapplika waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) id-dewmien fil-ħlas ta' obbligu ta' kreditu konġunt jirriżulta minn tilwima bejn id-debituri individwali li jipparteċipaw fl-obbligu ta' kreditu konġunt li ġie introdott fil-qorti jew proċedura formali oħra mwettqa minn korp estern iddedikat li tirriżulta f'deċizzjoni vinkolanti skont il-qafas legali applikabbli fil-ġurisdizzjoni rilevanti, u ma hemm l-ebda tħassib dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tad-debituri individwali;

(b) obbligu ta' kreditu konġunt huwa parti immaterjali mill-obbligi totali ta' debitur individwali.

98. L-inadempjenza ta' obbligu ta' kreditu konġunt ma għandhiex tikkawża l-inadempjenza ta' obbligi oħrajn ta' kreditu konġunt ta' debituri individwali ma' individwi jew entitajiet oħrajn, li mhumiex involuti fl-obbligu ta' kreditu li inizjalment ikun ġie inadempjenti; madankollu, l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw jekk l-inadempjenza tal-obbligu ta' kreditu konġunt attwali tikkostitwixxi indikazzjoni ta' improbabbiltà ta' ħlas fir-rigward tal-obbligi l-oħrajn ta' kreditu konġunt.
99. Meta l-kundizzjonijiet tal-punti (a) jew (b) jew it-tnejn li huma tal-Artikolu 178(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jiġu ssodisfati fir-rigward tal-obbligu ta' kreditu ta' debitur individwali, l-effett kontaġġjuż ta' din l-inadempjenza ma għandux jinfirx b'mod awtomatiku għal kwalunkwe obbligu ta' kreditu konġunt ta' dak id-debitur; madankollu, l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw tali obbligi ta' kreditu konġunt għal indikazzjonijiet possibbli ta' improbabbiltà tal-ħlas relatati mal-inadempjenza ta' wieħed mid-debituri. Fi kwalunkwe każ, meta d-debituri individwali kollha jkollhom status ta' inadempjenza, l-obbligu ta' kreditu konġunt tagħhom għandu jitqies ukoll b'mod awtomatiku inadempjenti.
100. L-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw, abbażi tal-analiżi ta' dispożizzjonijiet legali rilevanti f'għurisdizzjoni, u jipprovdu fil-politiki u l-proċeduri interni tagħhom l-identifikazzjoni tad-debituri li huma legalment responsabbli b'mod sħiħ għal ċerti obbligi, b'mod konġunt u *in solidum* ma' debituri oħrajn, għalhekk ikunu responsabbli għal kollox għall-ammont kollu ta' dawn l-obbligi, iżda jiġu esklużi l-obbligi ta' kreditu ta' individwu ieħor jew entità oħra fil-forma ta' garanzija jew ta' protezzjoni oħra ta' kreditu. Eżempju tipiku huwa dak ta' koppja miżżewġa fejn, abbażi tad-dispożizzjonijiet legali speċifiċi applikabbli fil-għurisdizzjoni rilevanti, id-diviżjoni tal-proprjetà matrimonjali (is-sistema ta' proprjetà separata) ma tapplikax. Fil-każ ta' responsabbiltà reċiproka sħiħa għall-obbligi kollha, l-inadempjenza ta' wieħed minn tali debituri, għandha titqies indikazzjoni ta' improbabbiltà potenzjali tal-ħlas tad-debitur l-ieħor u għalhekk l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw jekk l-obbligi ta' kreditu individwali jew konġunti ta' dawn id-debituri għandhomx jitqiesu inadempjenti. Meta wieħed mid-debituri konġunti u *in solidum* li huma responsabbli għal kollox b'mod legali għall-obbligi kollha, għandu obbligu ta' kreditu konġunt ma' klijent ieħor, l-istituzzjoni għandha tivvaluta jekk l-indikazzjonijiet tal-improbabbiltà tal-ħlas iseħħux ukoll fuq l-obbligi l-oħrajn ta' kreditu konġunt ma' partijiet terzi.
101. L-istituzzjonijiet għandhom janalizzaw ukoll il-forom tal-entitajiet legali fil-għurisdizzjonijiet rilevanti u l-punt tar-responsabbiltà tas-sidien, tas-sħab, tal-partijiet ikkonċernati jew tal-manigiers għall-obbligi ta' kumpanija skont il-forma legali tal-entità. Meta individwu huwa kompletament responsabbli għall-obbligi ta' kumpanija, l-inadempjenza ta' dik il-kumpanija għandha tirriżulta fil-fatt li dak l-individwu jitqies bħala inadempjenti wkoll. Meta tali responsabbiltà sħiħa għall-obbligi ta' kumpanija ma teżistix, is-sidien, is-sħab jew il-partijiet ikkonċernati sinifikanti ta' kumpanija inadempjenti għandhom jiġu vvalutati mill-istituzzjoni

għal indikazzjonijiet possibbli ta' improbabilità tal-ħlas fir-rigward tal-obbligi individwali tagħhom.

102. Barra minn hekk, fil-każ speċifiku ta' imprenditur individwali, fejn individwu huwa kompletament responsabbli għall-obbligi privati, kif ukoll għall-obbligi kummerċjali, b'assi privati, kif ukoll b'assi kummerċjali, l-inadempjenza ta' kwalunkwe obbligu privat jew kummerċjali għandha tikkawża l-fatt li l-obbligi privati u kummerċjali kollha ta' tali individwu jitqiesu wkoll bħala inadempjenti.
103. Meta d-definizzjoni ta' inadempjenza tiġi applikata fil-livell ta' debitur għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur, il-livell limitu ta' materjalità għandu jiġi applikat ukoll fil-livell ta' debitur. L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw b'mod ċar fil-politiki u l-proċeduri interni tagħhom, it-trattament ta' obbligi ta' kreditu konġunti fl-applikazzjoni tal-livell limitu tal-materjalità.
104. Debitur konġunt, jiġifieri sett speċifiku ta' debitori individwali li għandhom obbligu konġunt lejn istituzzjoni, għandu jiġu ttrattat bħala debitur differenti minn kull wieħed mid-debitori individwali. Fil-każ li d-dewmien fil-ħlas iseħħ fuq obbligu ta' kreditu konġunt, il-materjalità ta' dan id-dewmien għandha tiġi vvalutata billi jiġi applikat il-livell limitu ta' materjalità msemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 178(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-obbligi kollha ta' kreditu konġunt mogħtija għal dan is-sett speċifiku ta' debitori. Għal dan il-għan, l-iskoperturi individwali għad-debitori li jipparteċipaw f'obbligu ta' kreditu konġunt jew għal kwalunkwe subsett ieħor ta' tali debitori ma għandhomx jitqiesu. Madankollu, meta l-livell limitu ta' materjalità għal debitur konġunt ikkalkulat b'dan il-mod jinkiser, l-obbligi kollha ta' kreditu konġunt ta' dan is-sett ta' debitori u l-iskoperturi individwali kollha għad-debitori li jipparteċipaw f'obbligu ta' kreditu konġunt, għandhom jitqiesu inadempjenti, sakemm kwalunkwe kundizzjoni mill-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 97 tiġi ssodisfata.
105. Meta jseħħ dewmien fil-ħlas fuq obbligu ta' kreditu individwali, il-materjalità ta' tali dewmien għandha tiġi vvalutata billi jiġi applikat il-livell limitu ta' materjalità msemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 178(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-obbligi kollha ta' kreditu individwali ta' dan id-debitur, mingħajr ma jitqies kwalunkwe obbligu ta' kreditu konġunt ta' dak id-debitur ma' individwi jew entitajiet oħrajn. Meta l-livell limitu ta' materjalità kkalkulat b'dan il-mod jinkiser, l-iskoperturi individwali kollha għal dan id-debitur għandhom jitqiesu inadempjenti.

# 10. Id-dokumentazzjoni, il-politiki interni u l-proċessi tal-immaniġġjar tar-riskju

---

## Il-puntwalità tal-identifikazzjoni tal-inadempjenza

106. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom proċessi effettivi li jippermettulhom jiksbu l-informazzjoni rilevanti sabiex jidentifikaw l-inadempjenzi fil-ħin opportun, u biex jgħaddu l-informazzjoni rilevanti fl-iqsar żmien possibbli u, fejn ikun possibbli, b'mod awtomatizzat, lill-persunal li huwa responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet, u b'mod aktar partikolari:

(a) meta huma japplikaw proċessi awtomatiċi, b'hal pereżempju l-għadd tal-jiem skaduti, l-identifikazzjoni tal-indikazzjonijiet ta' inadempjenza għandha titwettaq fuq bażi ta' kuljum;

(b) meta huma jimplimentaw proċessi manwali, b'hal verifika tas-sorsi esterni u tal-bażijiet tad-data, l-analiżi tal-listi ta' sorveljanza, l-analiżi tal-listi ta' skoperturi mrażżna, l-identifikazzjoni tal-SCRA, l-informazzjoni għandha tiġi aġġornata bi frekwenza li tigarantixxi l-identifikazzjoni fil-ħin ta' inadempjenza.

107. L-istituzzjonijiet għandhom jivverifikaw fuq bażi regolari li l-iskoperturi kollha mrażżna li mhumiex produttivi huma kklassifikati b'hal inadempjenti u huma soġġetti għal ristrutturar oneruż. L-istituzzjonijiet għandhom janalizzaw ukoll fuq bażi regolari l-iskoperturi mrażżna li huma produttivi, sabiex jiġi ddeterminat jekk kwalunkwe waħda minnhom tissodisfax l-indikazzjoni tal-improbabbiltà tal-ħlas kif inhu speċifikat fl-Artikolu 178(3)(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fil-paragrafi 49 sa 55.

108. Il-mekkaniżmi ta' kontroll għandhom jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti tintuża fil-proċess tal-identifikazzjoni ta' inadempjenza b'mod immedjat wara li din tinkiseb. L-iskoperturi kollha għal debitur inadempjenti jew l-iskoperturi kollha rilevanti fil-każ tal-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza fil-livell tal-faċilità għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur, għandhom jiġu mmarkati b'hal inadempjenti fis-sistemi kollha rilevanti tal-IT mingħajr dewmien żejjed. Jekk ikun hemm dewmien fir-reġistrazzjoni ta' inadempjenza, dewmien b'hal dan ma għandux iwassal għal żbalji jew inkonsistenzi fl-immaniġġjar tar-riskju, fir-rappurtar tar-riskju, fil-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji jew fl-użu tad-data fil-kwantifikazzjoni tar-riskju. B'mod partikolari, għandu jiġi żgurat li l-figuri interni u esterni ta' rappurtar jirriflettu sitwazzjoni fejn l-iskoperturi kollha huma kklassifikati b'mod korrett.

## Id-dokumentazzjoni

109. L-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw il-politiki tagħhom fir-rigward tad-definizzjoni ta' inadempjenza, inkluż l-iskattaturi kollha għall-identifikazzjoni ta' inadempjenza u l-kriterji

ta' ħruġ, kif ukoll l-identifikazzjoni ċara tal-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza u, b'mod aktar partikolari huma għandhom:

- (a) jiddokumentaw l-operazzjonalizzazzjoni tal-indikazzjonijiet kollha ta' inadempjenza;
- (b) jiddokumentaw l-operazzjonalizzazzjoni tal-kriterji għar-riklassifikazzjoni ta' debitur inadempjenti għal status mhux inadempjenti;
- (c) iżommu regjistru aġġornat tad-definizzjonijiet kollha ta' inadempjenza.

110. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 109, l-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw l-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza b'mod dettaljat billi tiġi inkluża l-operazzjonalizzazzjoni tal-indikazzjonijiet kollha ta' inadempjenza, inkluż il-proċessi, is-sorsi tal-informazzjoni u r-responsabbiltajiet għall-identifikazzjoni ta'indikazzjonijiet partikolari ta' inadempjenza.

111. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 109, l-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw l-operazzjonalizzazzjoni tal-kriterji għar-riklassifikazzjoni ta' debitur inadempjenti għal status mhux inadempjenti, inkluż il-proċessi, is-sorsi tal-informazzjoni u r-responsabbiltajiet assenjati lill-persunal rilevanti.

112. Għall-finijiet tal-paragrafi 110 u 111, id-dokumentazzjoni għandha tinkludi d-deskrizzjoni tal-mekkaniżmi kollha awtomatiċi u tal-proċessi manwali, u meta l-indikazzjonijiet kwalitattivi ta' inadempjenza jew il-kriterji għar-ritorn għal status mhux inadempjenti jiġu applikati b'mod manwali, id-deskrizzjoni għandha tkun iddettaljata biżżejjed biex tiffaċilita fehim komuni u applikazzjoni konsistenti mill-persunal kollu responsabbli.

113. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-paragrafu 109, l-istituzzjonijiet għandhom iżommu regjistru aġġornat tal-verżjonijiet kollha attwali u tal-passat tad-definizzjoni ta' inadempjenza, li tal-inqas jibda mid-data tal-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida. Dan ir-regjistru għandu jinkludi tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- (a) il-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza, jekk hemm aktar minn definizzjoni waħda ta' inadempjenza użata fi ħdan l-istituzzjoni, l-impriża omm jew kwalunkwe sussidjarja tagħha;
- (b) il-korp li japprova d-definizzjoni jew id-definizzjonijiet ta' inadempjenza u d-data tal-approvazzjoni għal kull waħda minn dawk id-definizzjonijiet ta' inadempjenza;
- (c) id-data tal-implimentazzjoni ta' kull definizzjoni ta' inadempjenza;
- (d) deskrizzjoni qasira tal-bidliet kollha mwettqa b'mod relattiv għall-aħħar verżjoni;
- (e) fil-każ ta' istituzzjonijiet li għandhom permess li jużaw l-Approċċ IRB, il-kategorija ta' bidla assenjata, id-data tas-sottomissjoni għall-awtoritajiet kompetenti u, jekk ikun applikabbli, id-data tal-approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti.

## Ir-rekwiżiti ta' governanza interna għall-istituzzjonijiet li japplikaw l-Approċċ IRB

114. L-istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ IRB għandhom jadottaw mekkaniżmi u proċeduri adegwati, sabiex jiżguraw li d-definizzjoni ta' inadempjenza tiġi implimentata u użata b'mod korrett u għandhom jiżguraw b'mod partikolari li:

- (a) id-definizzjoni ta' inadempjenza u l-kamp ta' applikazzjoni huwa dak li huwa meħtieġ biex jiġi approvat mill-korp maniġerjali jew minn kumitat maħtur minnu u minn maniġment superjuri skont l-Artikolu 189(1) tar-Regolament (UE) 575/2013;
- (b) id-definizzjoni ta' inadempjenza hija użata b'mod konsistenti għall-iskop tal-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji u għandha rwol sinifikanti fil-proċessi tal-immaniġġar tar-riskji interni billi tal-inqas tintuża fil-qasam tal-monitoraġġ tal-iskoperturi u fir-rappurtar intern lill-maniġment superjuri u l-korp maniġerjali;
- (c) l-unità tal-awditjar intern jew unità oħra tal-awditjar indipendenti komparabbli jirrevedu b'mod regolari r-robustezza u l-effettività tal-proċess użat mill-istituzzjoni għall-identifikazzjoni ta' inadempjenza, filwaqt li jqisu b'mod partikolari l-puntwalità tal-identifikazzjoni ta' inadempjenza msemmija fil-paragrafi 106 sa 108; u jiżguraw li l-konklużjonijiet tar-reviżjoni tal-awditjar intern u r-rakkomandazzjonijiet rispettivi, kif ukoll il-miżuri meħuda biex jirrimedjaw id-dgħufijiet, jiġu kkomunikati b'mod dirett lill-korp maniġerjali jew lill-kumitat maħtur minnu.